# LINJI-GWIDA

## għaċ-ċelebrazzjoni taż-Żwieġ Nisrani



# LINJI-GWIDA

## għaċ-ċelebrazzjoni taż-Żwieġ Nisrani

**KUMMISSJONI LITURĠIKA**
**Djoċesi ta' Għawdex**
**2022**

# DAĦLA

"Ir-rabta taż-żwieġ, li biha raġel u mara flimkien iwaqqfu komunità ta' ħajja għal għomorhom, u li min-natura tagħha tfittex il-ġid tal-miżżewġin u wkoll it-tnissil u l-edukazzjoni tal-ulied, għall-imgħammdin ġiet mgħollija minn Kristu l-Mulej għad-dinjità ta' sagrament" (*Kodiċi tad-Drittu Kanoniku*, n. 1055§1).

*"(Iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ) mhijiex sempliċiment ċerimonja li ssir 'fil-knisja', bil-fjuri, ħwejjeġ, u ritratti. Iż-Żwieġ Nisrani huwa sagrament li jsir 'fil-Knisja' u li wkoll 'jagħmel' lill-Knisja, billi tibda komunità familjari ġdida" (il-Papa Franġisku). Allura s-Sagrament taż-Żwieġ bħal kull sagrament ieħor jissupponi l-fidi. Tajjeb li nżommu f'moħħna li din iċ-ċelebrazzjoni mhix biss ċelebrazzjoni ta' żwieġ, iżda ta' żwieġ Nisrani".*

Iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ għandha tkun ippjanata u mħejjija b'attenzjoni, filwaqt li wieħed għandu jkun konxju li qed jiċċelebra sagrament. Huwa sagrament li fih l-għarajjes jiċċelebraw u jaffermaw l-imħabba tagħhom għal xulxin, kif ukoll jirringrazzjaw lil Alla għad-don tal-imħabba. Mhux ta' b'xejn li l-Knisja tal-bidu jum it-tieġ kienet issejjaħlu "jum l-akbar għotja". Għalhekk dawn il-Linji-Gwida jiżguraw li din iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ tkun waħda dinjituża kif jixraq lil dan is-sagrament u lill-post sagru fejn ikun qed jiġi ċċelebrat.

# PREŻENTAZZJONI

Dan il-librett maħruġ mill-Kummissjoni Liturġika tad-Djoċesi ta' Għawdex irid ikun gwida għal dawk kollha li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni sabiħa tas-Sagrament taż-Żwieġ. Huwa utli għall-Arċiprieti u Kappillani, is-saċerdoti li jassistu għas-sagrament, l-għarajjes infushom, kif ukoll dawk kollha li jagħtu sehemhom biex din iċ-ċelebrazzjoni tkun dinjituża – organizzaturi, kanturi, fotografi, dawk li jirranġaw il-ward, u oħrajn.

Billi din hija ċelebrazzjoni qaddisa, dawn id-direttivi għandhom l-iskop ewlieni li jħarsu l-qdusija u s-sagralità ta' dan il-mument għażiż. Kollox irid jgħin biex iċ-ċelebrazzjoni tkun mument ta' talb mimli bil-ferħ għar-rigal kbir li Alla jkun qed jagħti lill-koppja li ġiet imsejħa minnu biex tingħaqad fl-imħabba tiegħu.

Għalhekk nitlob lil dawk kollha konċernati biex jilqgħu din il-gwida bħala għajnuna siewja lil kull wieħed u kull waħda, biex iċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament hekk importanti tkun awtentika u dinjituża.

Inrodd ħajr lill-Kummissjoni Liturġika li ħadet ħsieb tippubblika din il-gwida. Nitlob lill-Mulej ibierek u jimla bil-ġid tiegħu lil kull min jużaha għall-ġid tal-għarajjes infushom.

✠ Anton Teuma
Isqof ta' Għawdex



# IL-PREPARAZZJONI

1

## L-GĦAŻLA TAL-ĠURNATA TAĊ-ĊELEBRAZZJONI TAS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

Meta l-għarajjes jiġu biex jagħżlu l-ġurnata tat-tieġ tagħhom, l-għażla tal-knisja hija importanti daqs kull ħaġa oħra. Idealment tintgħażel il-knisja li għandha tifsira speċjali għalihom, il-knisja li fiha trabbew u għamlu l-mixja tal-fidi. Tradizzjonalment il-knisja taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ tkun il-knisja tal-parroċċa tal-għarusa. L-għarajjes forsi jistgħu jiddeċiedu flimkien li jiżżewġu fil-knisja li għandha tifsira għalihom jew għal xi ħadd mit-tnejn. Importanti li meta l-għarajjes jiġu biex jibbukkjaw il-knisja, huma jitkellmu mal-Kappillan/Rettur biex jaraw jekk f'dik il-ġurnata partikulari hux ser ikun hemm xi armar jew tiżjin partikulari fil-knisja jew fuq iz-zuntier. Dan l-armar jew tiżjin li jinzerta jkun fil-knisja jew fuq iz-zuntier m'għandux jitneħħa għaċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ tagħhom. F'każ bħal dan, dejjem jistgħu jagħżlu ġurnata oħra.

### 1.1 IL-QARI TAL-QUDDIESA

Waqt it-tħejjija għall-ġurnata tat-tieġ l-għarajjes għandhom jagħtu importanza wkoll lill-għażla tal-Qari mill-Iskrittura għal waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament taż-Żwieġ tagħhom.

Kull meta ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ issir bil-quddiesa, u titqaddes il-Quddiesa Ritwali taż-Żwieġ, l-ilbies liturġiku għandu jkun abjad. Fis-Solennitajiet u fil-Ħdud tal-Avvent, tal-Għid u tar-Randan, ma tista' ssir ebda quddiesa oħra għajr dik tal-ġurnata. Rigward il-Qari, barra fis-Solennitajiet, wieħed mill-qari li jintgħażel jista' jkun mil-Lezzjonarju tal-Quddiesa tat-Tieġ.

Fi Żmien il-Milied u ż-Żmien Matul is-Sena, jekk il-komunità parrokkjali tkun qiegħda tieħu sehem fil-quddiesa tal-Ħadd li fiha se ssir iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, il-quddiesa li titqaddes trid tkun tal-Ħadd.

Billi l-Liturġija tal-Kelma, adattata għaċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, għandha qawwa kbira fit-tagħlim li jingħata dwar is-sagrament innifsu u dwar id-dmirijiet tal-miżżewġin, jekk il-quddiesa taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ ma tkunx tista' ssir, wieħed mill-Qari jista' jittieħed mit-testi mħejjija għaċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.

Il-Mulej huwa preżenti u ħaj fl-Iskrittura daqskemm huwa preżenti u ħaj fl-Ewkaristija Mqaddsa. Għalhekk, waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament taż-Żwieġ, permezz tal-Qari li l-għarajjes ikunu għażlu, Alla jixtieq ikellem lill-għarajjes bħala koppja kif ukoll lil dawk kollha preżenti biex jiċċelebraw din il-ġurnata speċjali magħhom.

Hawn taħt qed tingħata lista pprovduta mill-*Ordni għaċ-Ċelebrazzjoni taż-Żwieġ* li tista' tgħin fl-għażla tal-Qari. Tkun ħaġa tajba li fl-għażla tagħha l-koppja ssib xi ħin u taqra flimkien dawn is-siltiet u tara liema minn dawn is-siltiet rispettivi jfissru l-aktar għaliha u b'mod partikulari għaż-żwieġ tagħha. Għandha tistieden lill-Ispirtu s-Santu biex ikellem lil qalbha waqt li tirrifletti fuq dan il-Qari. Dan juri l-preferenzi tagħha dwar l-ispiritwalità, il-valuri u l-attitudnijiet tagħha lejn iż-żwieġ. Tkun ħaġa f'postha u xierqa li xi jiem qabel it-tieġ, bħala koppja flimkien mas-saċerdot li ser jassisti għaż-żwieġ tagħha, tagħmel speċi ta' rtir ta' nofstanhar u tirrifletti fuq il-Qari li tkunu għażlet għat-tieġ tagħha.

### *Għażliet għall-Ewwel Qari mit-Testment il-Qadim*

- Raġel u mara ħalaqhom. (Ġenesi 1:26-28,31)
- It-tnejn li huma jsiru ġisem wieħed. (Ġenesi 2:18-24)
- Fl-imħabba tiegħu għal Rebekka, Iżakk sab serħan wara l-mewt ta' ommu (Ġenesi 24:48-51,58-67)
- Jalla l-Mulej tas-sema jagħtik ir-risq, iħenn għalikom u jagħtikom is-sliem. (Tobit 7:16-14)
- Agħmel ħniena miegħi u magħha ħa nixjieħu flimkien. (Tobit 8:4b-8)
- Il-mara li tibża' mill-Mulej għandha tiġi mfaħħra. (Proverbji 31:10-13,19-20,30-31)
- Il-qawwa tal-imħabba. (Għanja tal-Għanjiet 2:8-10,14,16; 8:6-7)
- Bħal xemx tielgħa fl-għoli tas-smewwiet, hekk hu l-ġmiel ta' mara sewwa. (Bin Sirak 26:1-4,13-16)
- Jien se nagħmel patt ġdid ma' dar Iżrael u ma' dar Ġuda. (Ġeremija 31:31-32a,33-34a)

### *Għażliet għas-Salm Responsorjali*

- L-art hi mimlija bit-tjubija tal-Mulej. (Salm 33:12,18,20-22)
- Jiena nbierek lill-Mulej f'kull ħin. (Salm 34:2-9)
- Il-Mulej hu ta' qalb tajba u ħanin. (Salm 103:1-2,8,13,17-18)
- Hienja dawk li jagħmlu dak li jordna l-Mulej. (Salm 112:1-9)
- Hienja dawk li jibżgħu mill-Mulej. (Salm 128:1-4,5ac,6a)
- Il-Mulej għandu mogħdrija mal-ħlejjaq kollha tiegħu. (Salm 145:8-9,10,15,17-18)
- Ħa jfaħħar l-isem tal-Mulej. (Salm 148:1-4,9-14a)

### *Għażliet għat-Tieni Qari mit-Testment il-Ġdid*

- Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? (Rumani 8:31-35,37-39)
- Offru ġisimkom bħala sagrifiċċju ħaj, qaddis u li jogħġob lil Alla. (Rumani 12:1-2,9-18 [forma twila] jew 12:1-2,9-13 [forma qasira])
- Ilqgħu lil xulxin kif laqagħkom Kristu. (Rumani 15:1b-3a,5-7,13)
- Ġisimkom huwa tempju tal-Ispirtu. (1 Korintin 6:13-15,17-20)
- Jekk m'għandix l-imħabba, ma nikseb xejn. (1 Korintin 12:31–13:8)
- Ġisem wieħed u Spirtu wieħed. (Efesin 4:1-6)
- Dan hu misteru kbir, qed ngħid għal Kristu u għall-Knisja. (Efesin 5:2,21-33 [forma twila] jew 5:2,25-32 [forma qasira])
- Alla tal-paċi jkun miegħek. (Filippin 4:4-9)
- U fuq dawn kollha ilbsu l-imħabba, jiġifieri r-rabta tal-perfezzjoni. (Kolossin 3:12-17)
- Ħalli jkun iż-żwieġ tagħkom miżmum fil-ġieħ minn kulħadd. (Lhud 13:1-6b)
- Kunu fehma waħda, ħossu għal xulxin, inħabbu bħal aħwa b'qalb ħanina u umli. (1 Pietru 3:1-9)
- Imħabba fl-għemil u fil-verità. (1 Ġwanni 3:18-24)
- Alla hu mħabba. (1 Ġwanni 4:7-12)
- Henjin dawk li ġew mistiedna għat-tieġ tal-Ħaruf. (Apokalissi 19:1,5-9)

### *Għażliet għall-Vanġelu*

- Ifirħu u thennew għax ħlaskom kbir fis-smewwiet. (Mattew 5:1-12)
- Inti d-dawl tad-dinja. (Mattew 5:13-16)
- Raġel għaref bena daru fuq il-blat. (Mattew 7:21,24-29 [forma twila] jew 7:21,24-25 [forma qasira])
- Dak li għaqqad Alla, m'għandux jifirdu l-bniedem. (Mattew 19:3-6)
- Dan hu l-ewwel u l-akbar kmandament. It-tieni bħalu. (Mattew 22:35-40)
- Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. (Mark 10:6-9)

- It-tieġ f'Kana. (Ġwanni 2:1-11)
- Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. (Ġwanni 15:9-12)
- Dan hu l-kmandament tiegħi: ħobbu lil xulxin. (Ġwanni 15:12-16)
- Ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina. (Ġwanni 17:20-26)

Tajjeb li niftakru li l-Kelma ta' Alla għandha tiġi mxandra minn adulti, li kapaċi jxandruha b'mod ċar u dinjituż li jixraq lill-istess Kelma ta' Alla. It-tfal jistgħu jaqraw it-Talbiet tal-Fidili.

## 1.2 IL-MUŻIKA

Meta wieħed iżomm f'moħħu li ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ hija sagrament, il-mużika kollha trid tintgħażel bir-reqqa biex tirrifletti dan. Santu Wistin jgħid li min ikanta jkun qed jitlob għal darbtejn. Il-Knisja tqis il-mużika essenzjali fil-liturġija għax tagħmilha aktar ħajja. Għalhekk il-mużika sagra, aktar ma tkun magħquda ħaġa waħda mal-azzjoni liturġika, aktar tkun qaddisa, kemm billi tfisser b'aktar ħlewwa t-talb u tħeġġeġ biex kulħadd ikun leħen wieħed u qalb waħda, u kemm ukoll billi ssebbaħ b'aktar solennità r-riti mqaddsa (KKK, n. 1156; SC, 112).

Il-Knisja ma żżomm ebda lista approvata ta' mużika għal waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament taż-Żwieġ, iżda toffri tliet kriterji għall-mużika liturġika li jistgħu jiġu applikati għall-għażla ta' dawk li jkunu ser jiċċelebraw it-tieġ.

**Mezz ta' talb:** L-iskop tal-liturġija Kattolika, inkluża l-Liturġija taż-Żwieġ, huwa li tagħti glorja lil Alla u li tqaddes lil dawk li jkunu qed jipparteċipaw fiha. Il-mużika tat-tieġ għandha tirrifletti dan l-iskop, jiġifieri għandha tgħin lill-ġemgħa biex titlob u tirringrazzja lil Alla għar-rigal tal-imħabba muri fis-Sagrament taż-Żwieġ. Il-kriterju tat-talb huwa raġuni waħda għala l-mużika popolari, inkluż xi wħud mill-marċi tat-tieġ 'klassiċi' meħuda minn opri profani, mhumiex permessi.

**Kant parteċipattiv:** Għandha tkun tista' titkanta flimkien. Fil-liturġija Kattolika l-assemblea (kull min jattendi t-tieġ) mhix udjenza, li tara b'mod passiv l-avvenimenti jseħħu fuq l-altar. Il-liturġija Kattolika tappella lill-assemblea biex tipparteċipa b'mod attiv fit-talb tal-Knisja, inkluż it-talb kantat tagħha. Li tagħmel dan huwa wieħed mill-aktar modi b'saħħithom kif il-ħbieb u l-familji tal-għarajjes jistgħu jesprimu l-imħabba u l-appoġġ tagħhom għal dawk li jkunu qed jiżżewġu.

**Kant sabiħ u li jimliek bil-ħeġġa:** Is-sbuħija hija tieqa fuq id-divin (KKK, n. 32), għalhekk mhix xi ħaġa stramba li l-Knisja titlob li l-mużika użata waqt il-liturġija tagħha, inkluż is-Sagrament taż-Żwieġ, tkun dinjituża, sabiħa u adattata għal dik l-azzjoni liturġika. Dan il-kriterju huwa ovvjament kemxejn suġġettiv, jiddependi fuq il-gosti personali u l-kultura lokali. Jekk il-mużika magħżula hijiex sabiħa jew le jista' jiddependi inqas fuq l-għażla partikolari milli fuq il-ħila tal-mużiċisti li jkantawha jew idoqquha.

Għal dawn ir-raġunijiet:

- fit-tħejjija għar-repertorju għal waqt iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ għandu jiġi evitat kull kant profan (mużika u melodiji, ngħidu aħna meħuda minn musicals, films, jew diski oħra pop/rock jew ta' xi artist/kantant popolari), iżda għandu jitkanta kant liturġiku u reliġjuż; il-kant profan jista' jitkanta waqt ir-riċeviment u mhux fil-knisja. Lanqas ma hu permess li tiġi adattata lirika sagra/biblika biex titkanta fuq melodiji profani;
- l-għażla tal-mużika kollha trid tiġi approvata sa tliet xhur qabel id-data tat-tieġ mill-Kummissjoni Liturġika Djoċesana billi l-għarajjes jibagħtuha fl-indirizz elettroniku **liturgy@churchingozo.mt**.

## 1.3 L-ARRANĠAMENTI TAL-FJURI

Bħal kull tiżjin ieħor, il-fjuri għandhom post importanti, għalkemm ma għandhomx jitqiegħdu b'mod li jfixklu ċ-ċentralità taċ-ċelebrazzjoni, iżda għandhom ikunu ta' għajnuna. Tajjeb li l-għarajjes isaqsu lill-Kappillan/Rettur dwar jekk il-knisja hix ser tkun diġà mżejna bil-fjuri jew pjanti oħra fil-ġurnata tat-tieġ. Jista' jkun li wieħed ikun irid jadatta dan it-tiżjin fil-pjanijiet tat-tieġ. F'dan il-każ huma importanti ħafna l-kollaborazzjoni u l-koperazzjoni bejn il-Kappillan/Rettur u l-għarajjes.

Għandu jintalab il-parir tal-Kappillan/Rettur minn dawk li jagħmlu l-fjuri dwar kif u fejn jitpoġġew.

Huwa importanti wkoll li l-arranġamenti tal-fjuri jkunu f'posthom tal-anqas sa sagħtejn qabel il-funzjoni bi ftehim mal-Kappillan/Rettur.

L-arranġamenti tal-fjuri li jitpoġġew fil-knisja ma jiġux meħuda lura wara ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ (ara d-*Direttivi lil dawk li jagħmlu l-fjuri* f'dan il-librett).

1.4

## FOTOGRAFIJA U VIDJOGRAFIJA

Il-fotografi u dawk li jieħdu l-vidjo għandhom iżommu f'moħħhom li din l-okkażjoni hi ta' ċelebrazzjoni ta' sagrament. Għalhekk, waqt iċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ, partikularment waqt il-prietka u wara t-tqarbin tal-għarajjes, għandha tiġi evitata kull distrazzjoni. Il-fotografu u l-vidjografu għandhom jevitaw li jagħmlu sessjonijiet ta' fotografija u ffilmjar f'dawn il-mumenti. Huwa importanti wkoll li l-fotografu u l-vidjografu jżommu d-distanza rispettuża għall-għarajjes u għall-ġemgħa u jevitaw milli jitilgħu fuq il-presbiterju. L-użu tad-drones mhuwiex permess fil-knisja.

1.5

## L-ILBIES

Il-Knisja s'issa m'għandha l-ebda linji-gwida speċifiċi dwar kif jilbsu l-għarajjes u l-bridesmaids. Is-sens komun huwa gwida tajba meta wieħed jiġi biex jagħżel l-ilbies tat-tieġ. Wieħed ma jridx jinsa d-dinjità, ir-rispett u d-dekor li jixraqlu l-post sagru li fih ser jiġi ċċelebrat it-tieġ, kif ukoll l-istess ċelebrazzjoni tat-tieġ Nisrani. Min-naħa l-waħda, kemm l-għarajjes u kemm il-bridesmaids u dawk kollha li ser jieħdu sehem fit-tieġ iridu jżommu f'moħħhom li d-dehra tagħhom trid tagħti sinjal ta' dinjità, dekor u fidi, filwaqt li l-għarajjes iridu jesprimu wkoll is-sbuħija tal-imħabba li jaqsmu bejniethom bħala koppja. Għalhekk hu ferm importanti li wieħed jagħmel minn kollox sabiex dan l-iskop jintlaħaq, billi jevita li l-ilbies ikun mezz ta' distrazzjoni u aljenazzjoni li b'xi mod itellef l-attenzjoni miċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament. Qed jiġi ċċelebrat sagrament, u l-knisja hi d-dar ta' Alla li ħaqqha kull rispett u dinjità. Għalhekk hu rrakkomandat li l-ilbies ikun jixraq lil dan il-post sagru. Ilbies skullat iżżejjed, bid-dahar barra jew l-ispallejn mikxufin, għandu jiġi evitat. Jekk wieħed jogħġbu xi stil ta' lbies ta' dan it-tip, għandu jagħżel xalla jew għata li jikkumplimentaw l-ilbies biex jintlibsu waqt li jkun il-knisja.

## 1.6 PROVA ĠENERALI

Bi ftehim mas-saċerdot/djaknu li jkun ser jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament taż-Żwieġ, għandha ssir prova ġenerali li fiha dawk kollha involuti waqt din iċ-ċelebrazzjoni (l-għarajjes, il-bridesmaids, il-pageboy, il-flowergirl, ix-xhieda, il-ġenituri tal-għarajjes, l-organiser, dawk li ser jaqraw il-Qari u t-Talbiet tal-Fidili) għandhom ikunu preżenti u fil-ħin miftiehem. Din il-prova hija importanti biex b'hekk waqt iċ-ċelebrazzjoni proprja kulħadd ikun jaf x'għandu jagħmel u ma jkunx hemm distrazzjonijiet.

Huwa importanti ħafna li dawk involuti fil-mużika u l-kant, dawk li jirranġaw il-fjuri, tal-fotografija u l-vidjografija, u l-organiser jimxu ma' dawn il-Linji-Gwida. F'każ li tinkiser xi waħda minnhom, l-Awtoritajiet tal-Knisja jirriservaw id-dritt li jiddeċiedu li l-persuni konċernati ma jitħallewx ikunu involuti aktar fiċ-ċelebrazzjonijiet taż-żwieġ.



2

# IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

Hekk kif tasal il-ġurnata tat-tieġ wieħed irid jiftakar li din li se ssir fil-knisja hi ċ-ċelebrazzjoni ta' sagrament u ma għandu jħalli xejn ikun ta' distrazzjoni għal dan il-mument speċjali.

Għalhekk dawn il-punti importanti jistgħu jkunu ta' għajnuna siewja:

1. Għandha tinżamm il-puntwalità għal din iċ-ċelebrazzjoni.
2. It-tfigħ ta' fjuri (petali) fil-knisja mhux permess.
3. L-użu tad-drones mhux permess fil-knisja.
4. Mill-bieb tal-knisja 'l ġewwa jintuża dejjem it-tapit li għandha għad-dispożizzjoni tagħha dik il-knisja għall-okkażjoni tat-tieġ, sakemm il-Kappillan/Rettur ma jiddeċidix mod ieħor. Jekk il-knisja ma tipprovdix tapit hi, l-għarajjes għandhom jaħsbu huma għalih.
5. Id-dħul tal-għarusa fil-knisja jrid ikun wieħed dinjituż kif jixraq lil post sagru. Għalhekk mhux permess li jiġu addottati modi u stili ġodda li jkomplu jirrendu ċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ xi spettaklu, u għaldaqstant mhux permess fil-knisja:
    - dħul ta' pets mal-għarusa;
    - pushchairs (karrijiet, *carriages*) partikulari biex wieħed jiġbed l-attenzjoni;
    - l-arkata tal-fjuri.

## 2.1 IL-QARI

Il-Kelma ta' Alla għandha tiġi mxandra minn adulti. It-tfal jistgħu jaqraw it-Talbiet tal-Fidili.

## 2.2 IL-KUNSENS

L-aktar mument importanti waqt iċ-ċelebrazzjoni huwa dak li fih l-għarajjes quddiem iċ-ċelebrant u fil-preżenza ta' dawk miġbura jagħmlu l-wegħda ta' mħabbithom lejn xulxin. Il-kunsens taż-żwieġ huwa essenzjali f'dan is-

sagrament. Il-qsim tal-wegħdiet taż-żwieġ il-Knisja ssejjaħlu l-'kunsens', jiġifieri li r-raġel u l-mara jagħtu lilhom infushom lil xulxin u jilqgħu lil xulxin. Iż-żwieġ ma jistax iseħħ mingħajr id-dikjarazzjoni tal-kunsens (ara KKK, nn. 1625-1631).

Għalhekk ta' min jinkuraġġixxi li l-kliem tal-kunsens wieħed jitgħallmu u jkun jafu bl-amment biex b'hekk waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament taż-Żwieġ dan il-kliem joħroġ mill-qalb u b'konvinzjoni. Ikun isbaħ milli wieħed jirrepeti wara ċ-ċelebrant jew jaqrah minn fuq il-ktieb. Jekk wieħed jinkwieta li ser jinsa l-kliem jew li ser ikun emozzjonat iżżejjed biex ilissnu ċar, ma għandux jaqta' qalbu, għax is-saċerdot/djaknu jkun jista' jfakkru. Li jitgħallmu bl-amment il-kliem tal-kunsens fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel hija wkoll mixja spiritwali tajba li tgħin lill-għarajjes jaħsbu fil-profond fuq iż-żwieġ tagħhom.

Għal waqt dan il-mument tal-kunsens huma mitluba jitilgħu biss fuq l-altar flimkien mal-għarajjes, ix-xhieda u dak li jkun qed iżomm iċ-ċrieket. Waqt il-kunsens ma għandux ikun hemm mużika fl-isfond, iżda jinżamm is-skiet.

2.3

## IL-BARKA FUQ L-GĦARAJJES

Il-barka fuq l-għarajjes għandha ssir miċ-ċelebrant, u ma għandux ikun hemm il-preżenza tal-ġenituri tal-għarajjes maċ-ċelebrant fuq l-altar.

## 2.4 IL-UNITY CANDLE

Il-unity candle hija drawwa Amerikana u ma għandha x'taqsam xejn mar-rit liturġiku taż-żwieġ Nisrani. Għalhekk din għandha tiġi evitata, u minflok wieħed jista' jipproponi l-użu tax-xemgħa li tinxtegħel mill-għarajjes mid-dawl tal-Blandun fil-bidu tal-quddiesa, waqt it-tifkira tas-Sagrament tal-Magħmudija li ssir waqt ir-Rit taż-Żwieġ.

## Għeluq

Fl-aħħar taċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament taż-żwieġ:

- jekk ser jittieħdu xi ritratti wara l-funzjoni, dawn jistgħu jittieħdu biss fuq l-altar jew quddiem l-istatwa titulari;
- jekk isir tfigħ ta' ross, fjuri, konfetti, eċċ. fuq iz-zuntier, il-koppja tal-għarajjes hija responsabbli li tqabbad lil xi ħadd biex inaddaf iz-zuntier, u dan it-tindif irid isir dritt wara li tintemm iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ;
- ma jsirux festini fuq iz-zuntier mingħajr ma jkun jaf minn qabel il-Kappillan/Rettur.



# TAGĦRIF ĠENERALI

## 3 SNIN QABEL IS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

L-għarajjes għandhom jaħsbu biex jattendu għall-Mixja Katekumenali tat-Tħejjija għaż-Żwieġ, organizzata mill-Parroċċa tagħhom. Din il-mixja ta' formazzjoni hi obbligatorja. L-aħħar laqgħat isiru fl-Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II, Triq Fortunato Mizzi, il-Belt Victoria.

## SENA QABEL

L-għarajjes għandhom jaħsbu għal żewġ xhieda.

## 3 XHUR QABEL

L-għarajjes huma mitluba jmorru għand l-Arċipriet/Kappillan rispettiv tagħhom biex jimlew il-formoli meħtieġa.

**Dokumenti meħtieġa għaż-żewġ partijiet:**

a. Ċertifikat tat-Twelid fil-każ ta' min hu mwieled barra minn Malta.
b. Ċertifikat tal-Magħmudija.
c. Ċertifikat tal-Griżma tal-Isqof.
d. Ċertifikat tal-Kors ta' Formazzjoni.
e. Dikjarazzjoni tal-istat liberu.
f. Stħarriġ ta' qabel iż-żwieġ.

**Dawn id-dokumenti jinġabru:**

b, ċ. Mill-Parroċċa li fiha wieħed ikun irċieva dawn is-sagramenti.
d. Mill-Parroċċa fejn ikunu għamlu l-Kors ta' Formazzjoni.
e, f. Mill-Parroċċa tar-residenza.

**X'għandkom tagħmlu b'dawn id-dokumenti?**

- Ħudu d-dokumenti l-Kurja fl-Uffiċċju taż-Żwiġijiet (staqsu għall-Kanċillier). F'każ li waħda mill-partijiet toqgħod Malta, ħudu d-dokumenti meħtieġa lill-Kanċillier fil-Kurja tal-Arċisqof **4 xhur** qabel it-tieġ.
- Id-dokumenti tal-Kurja jitwasslu lill-Arċipriet/Kappillan tal-għarusa, u mbagħad (jekk l-għarus hu minn parroċċa oħra) id-dokumenti jittieħdu wkoll għand l-Arċipriet/Kappillan tal-għarus.
- Fl-aħħar, id-dokumenti jridu jitwasslu għand l-Arċipriet/Kappillan ta' fejn ikun ser jiġi ċċelebrat iż-żwieġ.

L-għarajjes huma mitluba jibagħtu l-għażla tal-mużika kollha li ħa titkanta/ tindaqq fiċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ tagħhom fl-indirizz elettroniku **liturgy@churchingozo.mt** biex tiġi approvata mill-Kummissjoni Liturġika Djoċesana.

## 7 ĠIMGĦAT QABEL

- L-għarajjes għandhom jikkuntattjaw lir-Reġistru Pubbliku. Jieħdu magħhom il-Karta tal-Identità, fotokopja tal-ID tax-xhieda, l-isem eżatt tas-saċerdot li ser jilqa' l-kunsens tagħhom, u l-isem tal-knisja li fiha ser jiġi ċċelebrat is-Sagrament taż-Żwieġ.
- Jgħaddu l-formoli tar-Reġistru Pubbliku lill-Arċipriet/Kappillan ta' fejn ħa jsir iż-żwieġ.

## ĦMISTAX QABEL

- L-għarajjes jaħsbu għall-prova ġenerali kif spjegat aktar qabel.
- Jaħsbu wkoll għat-tħejjija spiritwali (speċjalment billi jersqu għas-Sagrament tal-Qrar) biex hekk jirċievu kif jixraq is-Sagrament taż-Żwieġ u l-għotja ta' Kristu fit-Tqarbin.
- Jaħsbu għad-Delega tas-saċerdot/djaknu li jkun ser jassisti għall-għoti tal-kunsens tagħhom (sakemm ma jkunx l-Arċipriet/Kappillan innifsu). Id-Delega tinkiseb mill-Kurja jew mingħad l-Arċipriet/Kappillan ta' fejn ikun ser isir iż-żwieġ.
- Jekk ikunu jixtiequ jitolbu l-Barka tal-Papa, l-għarajjes iridu japplikaw għaliha xahrejn qabel minn fuq dan is-sit elettroniku **www.elemosineria.va/papal-blessing-parchments/**.

## ĦLAS

Il-ħlas għas-servizz tal-knisja fejn isir iż-żwieġ isir skont it-tariffi tad-Djoċesi.

## FTAKAR

- Hija ħaġa li turi serjetà li fl-inviti li jintbagħtu titniżżel din in-nota:

**Bil-Malti:**
*Iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ hi ċelebrazzjoni reliġjuża. F'din l-okkażjoni taż-żwieġ tagħna napprezzaw ferm li tieħu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni b'fidi u bi lbies xieraq.*

**Bl-Ingliż:**
*All those attending the wedding are kindly reminded that religious celebrations call for active participation and decency in dress.*

- Jekk ser jiġi stampat, ir-Rit taż-Żwieġ għandu jkun dak approvat mill-Konferenza Episkopali Maltija, mingħajr ebda tnaqqis jew żidiet.



# DAWN L-ERBA’ FOLJI LI ĠEJJIN FIHOM XI DIRETTIVI IMPORTANTI: QEGĦDIN HEMM BIEX JINQATGĦU U TGĦADDUHOM LILL-PERSUNI KONĊERNATI



# DIRETTIVI

## Organiser / Wedding Planner

1. L-organiser/wedding planner għandu jgħin lill-koppja tiċċelebra b'mod xieraq u dinjituż is-Sagrament taż-Żwieġ.

2. Għandha ssir differenza bejn ċerimonja ta' żwieġ biċ-ċivil u żwieġ bħala sagrament.

3. Wieħed għandu jimxi mal-Linji-Gwida maħruġa mid-Djoċesi u b'kordinament mal-Kappillan/Rettur tal-post fejn se jiġi ċċelebrat dan is-sagrament dwar kull ħaġa li tkun ġiet ippjanata għal ġol-knisja, bħal kant, ward, ġesti, qari ta' poeżiji, u l-bqija.

4. L-organiser/wedding planner għandu jilbes b'mod dinjituż għal ġol-knisja, u jiġu evitati ħwejjeġ skullati.

5. Għandu jżomm id-dinjità taċ-ċerimonja billi joqgħod fil-ġenb u jevita li joqgħod idur fil-knisja mingħajr bżonn, speċjalment li jitla' fuq il-presbiterju.

6. Meta ssir il-prova fil-knisja, hu għandu jfakkar lil dawk preżenti sabiex iżommu s-sagralità tal-post li qegħdin fih u jinżamm ambjent ta' talb.

7. M'għandhomx jintefgħu petali waqt id-dħul tal-għarusa fil-bidu tal-quddiesa, jew jittellgħu trabi/tfal ġo karrijiet (carriages).

8. Il-liturġija titmexxa mis-saċerdot u mhux mill-organiser/wedding planner.

# DIRETTIVI

## Il-Mużika Sagra

Hu tal-ogħla importanza li bħal f'affarijiet oħra jkun hemm preparazzjoni xierqa u korretta meta l-koppja tiġi biex tagħżel mużika u kantanti waqt il-liturġija tat-tieġ tagħha. Il-koppja dejjem trid titlaq mill-ħsieb li s-sagrament li se jkunu qed jiġi ċċelebrat huwa differenti minn kull forma oħra ta' unjoni li ssir barra mill-knisja. Wieħed irid jżomm f'moħħu li din iċ-ċelebrazzjoni qaddisa mhix xi kunċert jew show. Allura f'dan il-każ wieħed irid jiddistingwi l-irwoli mużikali waqt iċ-ċelebrazzjoni sagra u waqt dik profana jew sekulari li ssir barra mill-postijiet qaddisa.

1. L-ewwel għażla preferenzjali tal-kant għandha tkun lejn kantant jew kor li hu mdorri janima ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-knisja. Dan ikun jista' jiggwida tajjeb lill-koppja dwar x'inhu permess waqt il-Liturġija taż-Żwieġ. Jekk il-koppja tagħżel li ġġib kantanti oħra, huwa importanti li dawn jimxu mal-Linji-Gwida tad-Djoċesi biex jirrispettaw tassew il-karattru sagru tal-azzjoni liturġika li tkun se titwettaq.

2. Mhux permess li waqt iċ-ċelebrazzjoni jkun hemm mużika strumentali biss, bla kant. It-testi u l-kliem akkumpanjati minn melodiji mużikali huma l-ogħla forma ta' espressjoni waqt il-funzjoni liturġika.

3. Mhux permess li waqt il-liturġija isiru kant jew mużika li mhumiex ta' karattru sagru, bħal ngħidu aħna mużika minn opri, films, musicals, jew diski oħra pop/rock jew ta' xi artist/kantant popolari. Lanqas hu permess li tiġi adattata lirika sagra/biblika biex titkanta fuq melodiji profani.

4. Wieħed għandu jirrispetta wkoll iż-żmien liturġiku li wieħed ikun qed jiżżewweġ fih, ngħidu aħna Żmien l-Avvent, il-Milied u r-Randan, l-Għid, jew jum ta' xi festa partikulari oħra. Hawn ir-repertorju mużikali jkun differenti minn dak fiż-Żmien ta' Matul

is-Sena. Il-kant irid jirrifletti u jirrispetta ż-żmien li l-komunità Nisranija tkun qed tgħix fid-data partikolari li l-koppja tkun għażlet.

5 Preferibbilment u possibbilment, biex jikkumpanja l-kant għandu jintuża l-orgni tal-knisja – l-istrument uffiċjali tal-knisja. Huwa aċċettabbli li wieħed iżid strumenti oħra ta' akkumpanjament mal-kant.

6 Il-kantanti/kantur għandhom iżommu f'moħħhom li l-kant liturġiku u sagru m'għandux isir bl-istess spirtu bħal meta wieħed ikanta waqt xi konkors, show jew xi produzzjoni teatrali. Fil-liturġija Alla qed jissellef il-vuċi u d-doni tal-persuna biex jitkellem hu. Allura hu tal-ogħla importanza li l-kantanti, mużiċisti jew korijiet iżommu klima ta' talb u silenzju, filwaqt li jibqgħu f'posthom waqt iċ-ċelebrazzjoni kollha. Hawn il-kantur/korist/mużiċist m'għandux ikun il-protagonist. L-azzjoni liturġika mhix wirja artistika, imma esperjenza ħajja u laqgħa sabiħa bejn il-koppja, Alla u l-ġemgħa.

7 Huwa importanti wkoll li meta jintrama xi tagħmir jew jitħarrku xi siġġijiet/bankijiet, dan isir bil-permess tal-Kappillan/Rettur, filwaqt li jsir kmieni qabel iċ-ċelebrazzjoni bla ma jtellef minn xi quddiesa oħra li tkun għaddejja. Dan jgħodd ukoll għal wara ċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ.

8 L-ilbies tal-kor/kantur/mużiċisti għandu jkun wieħed diċenti.

9 Il-kantur/kor għandu jżomm postu billi jkanta waqt il-ħinijiet li suppost isir il-kant fihom. Importanti li waqt il-quddiesa l-mumenti tas-silenzju jinżammu u mhux jiġu mimlija bil-mużika. Meta kantur/kor juża xi sistema ta' amplifikazzjoni importanti li dan ma jissuperax il-volum tas-sistema tal-knisja. Dan jgħodd ukoll għall-kanturi li janimaw il-ġemgħa minn fuq il-mikrofonu. Importanti li l-volum ma jissuperax lil dak tas-saċerdot waqt il-quddiesa.

10 Sa tliet xhur qabel id-data tat-tieġ il-koppja għandha tibgħat il-mużika u l-kant magħżula għal waqt iċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ biex jiġu approvati mill-Kummissjoni Liturġika Djoċesana, fl-indirizz elettroniku **liturgy@churchingozo.mt**.

# DIRETTIVI

## *Il-Fotografija*

Fil-Liturġija Mqaddsa kollox u kulħadd huwa msejjaħ sabiex jgħin lilll-Insara miġbura ħalli jieħdu sehem ħaj fiha, ikunu jafu xi jkun qed isir u jieħdu frott minnha. Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Knisja u fil-knisja mhumiex ċerimonji jew spettakli, iżda għemil imqaddes, u ebda għemil ieħor tal-Knisja ma għandu daqshekk qawwa u ġieħ (ara Konċilju Vatikan II, *Sacrosanctum Concilium* 7, 11).

Dawk li jagħtu servizzi varji ta' fotografija huma msejħa sabiex jiddokumentaw fiż-żmien it-tifkira taċ-ċelebrazzjonijiet. Fil-każ ta' dawk li jipprattikaw it-twemmin Nisrani, huma mistiedna biex waqt li jagħtu s-servizz tagħhom, bl-imġiba tagħhom jieħdu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet mal-bqija tal-ġemgħa. Fil-każ ta' dawk li jkollhom twemmin ieħor, l-istess servizz tagħhom jitlob minnhom li jinfurmaw ruħhom mhux tant dwar dak li jkun ser isir, iżda dwar it-tifsira tiegħu, sabiex hekk is-servizz tagħhom ikun wieħed professjonali għax jirrispetta dak li hu mitlub mil-Liturġija.

1. Id-dawl naturali u elettriku fil-knejjes huwa maħsub għall-finijiet liturġiċi u mhux fotografiċi. L-iżvilupp fit-teknoloġija fotografika qed jgħin biex kemm jista' jkun jiġi sfruttat id-dawl tal-post mingħajr il-bżonn ta' dwal oħra miżjuda. Madankollu, meta d-dawl ma jkunx biżżejjed, jixraq li l-fotografi jiftiehmu mas-saċerdot responsabbli fuq soluzzjoni tajba għat-tnejn.

2. L-użu tal-flash ikun wieħed meqjus sabiex kemm jista' jkun ma jtellifx mill-ġabra li tixraqilha kull ċelebrazzjoni.

3. Waqt il-Liturġija Mqaddsa l-ġemgħa miġbura tieħu u żżomm post fiss sabiex jiġu mħarsa l-ġabra u t-talb. Għalhekk il-fotografi jagħmlu ħilithom kollha sabiex iċ-ċaqliq tagħhom madwar il-knisja u madwar l-istess ġemgħa jkun mill-inqas invażiv u ta' distrazzjoni. L-ideal hu li l-fotografi jżommu post fiss u jisfruttaw aktar it-teknika taż-zooming sabiex jiġbdu d-dettalji.

4 Fil-Liturġija Mqaddsa l-għarajjes, li huma l-istess ministri tas-Sagrament taż-Żwieġ, jixirqilhom spazju dinjituż u meħtieġ għall-ġabra u t-talb tagħhom. Il-fotografi jżommu ċerta distanza mill-għarajjes u bl-ebda mod m'għandhom jagħtuhom istruzzjonijiet waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' kif jippużaw aħjar għar-ritratti, għaliex dan huwa aljenanti għall-ġabra u t-talb tagħhom.

5 F'Għawdex iċ-ċelebrazzjonijiet tas-sagramenti għandhom element kulturali formali fil-ħwejjeġ li jintlibsu. L-ilbies tal-fotografi għandu jaqbel ma' dan l-element formali u aktar minn hekk mal-kodiċi tal-ilbies mitlub mill-knejjes f'Għawdex.

6 Il-Liturġija Mqaddsa għandha mumenti li jitolbu aktar ġabra minn oħrajn u li għalhekk fihom il-fotografi jżommu post fiss u jnaqqsu kemm jista' jkun is-servizz tagħhom. Dawn il-mumenti huma:

a. waqt ix-xandir tal-Kelma ta' Alla f'kull qari u fl-omelija,
b. waqt il-Qaddis,
c. waqt il-Konsagrazzjoni,
d. waqt it-talba tal"Missiern",
e. waqt it-tqarbin,
f. f'kull mument ta' skiet għar-riflessjoni jew talb.

Dawn tal-aħħar m'għandhomx ikunu l-okkażjoni tajba għall-fotografi biex jaljenaw lill-ġemgħa mis-skiet bis-servizz tagħhom.

7 Il-materjal professjonali bħal apparat, covers u boroż jitqiegħdu f'post adattat u miftiehem mas-saċerdot u mhux qalb il-ġemgħa.

8 Jekk il-fotografu ma jkunx irnexxielu jieħu ritratt/i ta' xi azzjoni liturġika partikulari, ma hux permess li din terġa' tiġi ripetuta wara l-quddiesa biex ikollu ritratti tajbin tagħha.

9 It-tessera għall-fotografi.



# DIRETTIVI

## *Il-Fjuri*

Il-fjuri bil-preżenza sabiħa tagħhom għandhom il-ħila mhux biss li jesprimu bil-lingwaġġ floreali l-imħabba ta' Alla għall-bniedem, imma wkoll iħejju lill-istess ġemgħa miġbura sabiex tiċċelebra dan il-misteru fil-Liturġija tal-Knisja.

Il-Knisja minn naħa ma tistax tkun ambjent nieqes għalkollox minn sinjali ta' ħajja, iżda min-naħa l-oħra lanqas għandha tinbidel f'wirja tal-fjuri.

1 Il-postijiet sagri u ewlenin li jitolbu l-preżena tal-fjuri huma:

a. quddiem jew ħdejn l-altar mejda; fejn hu possibbli għandhom jiġu evitati l-fjuri fuq l-altar, għaliex huwa xbieha ta' Kristu, il-post tas-sagrifiċċju u tal-ikla tal-Mulej;
b. quddiem jew ħdejn l-ambone, għaliex huwa xbieha tal-qabar vojt fil-ġnien, il-post tat-tħabbira tal-qawmien;
c. ħdejn it-tabernaklu u qatt fuqu, għaliex huwa l-post li flimkien mad-dawl inemnem juri l-preżenza tal-Mulej fl-ispeċi Ewkaristiċi;
d. ħdejn jew taħt il-Kurċifiss, għaliex huwa s-sinjal tal-Insara, is-siġra li minn fuqha Kristu jagħti ħajja bla qies;
e. taħt jew ħdejn il-blandun, għaliex huwa s-simbolu ta' Kristu Rxoxt
f. quddiem xbihat jew statwi ta' qaddisin.

Il-postijiet l-oħra, bħal ħdejn l-għarajjes, fil-ġnub tal-passaġġ ċentrali, ħdejn il-bibien, eċċ., ma jitolbux il-preżenza tal-fjuri, imma dawn isiru għal raġunijiet purament ta' tiżjin u li m'għandhom ebda skop jew tifsira liturġika bħal fil-każ tal-postijiet sagri msemmija.

2 L-istil, l-ammont, il-kulur u l-post fejn jitqiegħdu l-fjuri fil-knisja m'għandhomx ikunu fiċ-ċentru tal-attenzjoni, imma kollox jinħadem b'tali mod li jikkumplimenta l-karatteristiċi kollha tal-ispazju sagru partikulari u l-esiġenzi liturġiċi.

3 Is-sempliċità fl-istil u l-qies fl-ammont ta' fjuri jgħinu biex tinżamm u tiġi mħarsa d-dinjità li jistħoqqilha l-knisja u l-liturġija li tiġi ċċelebrata fiha.

4 Il-kuluri u l-istil tal-fjuri jkunu jaqblu ma' dak li jitlob iż-żmien liturġiku tal-Knisja jew il-festa li tkun qed tiġi ċċelebrata. Il-kuluri u l-istil tal-fjuri jikkumplimentaw il-post sagru fejn ser jitqiegħdu u mhux il-gosti personali jew inkella l-kuluri tal-ħwejjeġ tal-bridesmaids. Fil-każ tal-fjuri li jżommu jew li jintlibsu bihom l-għarajjes, il-bridesmaids u l-bqija, dawn ikollhom kuluri u stil li jikkumplimentaw l-ilbies tagħhom għaliex jagħmlu parti mill-aċċessorji.

5 Għalkemm huwa skonsiljat bil-qawwi li jsiru fjuri fuq l-altar, fejn isiru minħabba li tkun konswetudni tal-post, il-fjuri jinħadmu b'tali mod

a. li ma jgħattux l-ispeċi Ewkaristiċi li jkunu ser jitqiegħdu fuq l-altar,
b. li jkollhom linja baxxa ħafna mhux ogħla minn kalċi li juża saċerdot.

6 Fjuri artifiċjali u aċċessorji li ma jkollhomx tifsira teoloġika/liturġika imma huma biss relatati ma' xi tema partikolari tat-tieġ inkella ma' gosti privati jew raġunijiet oħra, ma jintużawx fil-knisja imma huma aktar adattati għall-post fejn ikun ser isir ir-riċeviment taż-żwieġ.

7 Huwa skonsiljat li jintużaw xemgħat fl-arranġamenti tal-fjuri, iżda fil-każ li jintużaw, dawk li jaħdmu l-fjuri javżaw b'dan lis-saċerdot responsabbli minħabba raġunijiet ta' sigurtà tal-knisja.

8 Mhuwiex permess li jintefgħu petali tal-fjuri fil-knisja qabel id-dħul tal-għarusa.

9 Il-fjuri li jintużaw fil-postijiet sagri msemmija f'numru 1 għandhom jibqgħu fil-knisja; l-oħrajn jistgħu jittieħdu band'oħra.

10 Dawk li jaħdmu l-fjuri għal-liturġija tal-Knisja huma mħeġġa sabiex jinformaw u jifformaw ruħhom tajjeb f'din l-arti permezz ta' qari ta' kotba u materjal ieħor dwar dan is-suġġett u ta' korsijiet li jistgħu jsiru fid-Djoċesi kultant żmien. Din il-formazzjoni tgħin sabiex il-fjuri fil-knisja jinħadmu bi spirtu ta' ministeru, jiġifieri b'sens ta' qadi lil kull min jinġabar jitlob u fuq kollox għall-ikbar glorja ta' Alla, bidu u tmiem ta' kull ġmiel u tjubija.

UFFIĊĊJU LITURĠIKU
DJOĊESAN